**Mużika Marjana fix-Xogħlijiet ta' Mro. Carmelo Pace (1906-1993)**
F'għeluq il-25 sena minn mewtu

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa titulari ta' dis-sena ktibtilkom artiklu ferm sabiħ bl-isem ta' 'Tislima lil Marija' li jittratta l-*Ave Maria* (1941) tas-surmast Naxxari Ġużeppi Fenech (1917-2010). Għaldaqstant, għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, għażilt li nkompli nitratta das-suġġett billi nikteb dwar l-għadd imdaqqas ta' mużika marjana li ħarġet mill-pinna tas-surmast prolifiku Malti, Carmelo Pace (1906-1993). Dan qed nagħmlu mhux biss fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 anniversarju minn mewtu, iżda wkoll biex insellem il-memorja tiegħu bħala għalliem tal-mużika li tiegħu jiena kont wieħed mill-ħafna u ħafna studenti li tħarrġu mingħandu. Għadni niftakar qisu lbieraħ indoqq klarinett sekond fil-kunċerti vokali u strumentali mtellgħin mill-Istitut Kulturali Malti taħt il-bakketta anzjana tiegħu ġewwa s-sala tal-ballu tal-lukanda Phoenicia, il-Furjana. Niftakar ukoll li meta tħabbret il-mewt tiegħu li ġrat fl-20 ta' Mejju 1993 kont għadni student tar-raba' sena fil-konservatorju superjuri ta' Lyon, Franza. U dlonk ħsiebi ttajjar għal dak iż-żmien meta kont nidderieġi xi xogħol orkestrali tiegħu mal-orkestra tal-Istitut Kattoliku , fosthom il-famuża *Maltesina* (1931).

Kliem muftieħ: Gudja, Madonna taċ-Ċintura, Mro. Carmelo Pace, Malta Cultural Institute, Maltesina, Għaqda Mużikali Marija Assunta (Gudja).



Il-kompożitur kif niftakru jien meta kont nitgħallem għandu fl-ewwel nofs tat-80ijiet (Marcel Degabriele: Carmelo Pace)

Mro. Carmelo Pace twieled fl-1906, jumejn wara l-festa ta' Sta. Marija fil-Belt Valletta. L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mingħand zijuh stess, is-Surmast Vincenzo Ciappara (1890-1979). Imbagħad tgħallem idoqq il-vjolin (u aktar tard, il-vjola) u l-kitba tal-mużika għand il-professuri Carlo Fiamingo (1881-1961) u Dr. Thomas Robert Mayne rispettivament. Fl-1931 kiseb il-liċenzjat mir-*Royal School of Music* ta' Londra (l-istess sena li fiha ikkompona l-famuża *Maltesina*) u mill-ewwel beda jgħallem privatament it-teorija fuq bażi fultajm – xi ħaġa li, flimkien mal-kompożizzjoni, baqa' jagħmel għall-bqija ta' ħajtu kollha. Mro. Pace huwa wkoll rebbieħ ta' għadd ta' midalji u premijiet prestiġjużi f'gari inter/nazzjonali. Fl-1949, kien ukoll responsabbli mit-twaqqif tal-orkestra fi ħdan il-*Malta Cultural Institute* u baqa' jidderigiha għal madwar erbgħin sena sħaħ. Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu kollha arkivjati fil-mużew tal-Katidral tal-Imdina, filwaqt li l-manuskritti tal-erba' opri sħaħ li kiteb jinsabu merfugħin fl-arkivju tat-Teatru Manoel.



L-awtur jirċievi d-diploma tal-L.Mus.LCM minn id id-Direttur tal-Edukazzjoni, is-Sur Reno C. Borg

Bejn is-snin 1982 u 1985 jien kont immur id-dar tiegħu biex nitgħallem it-teorija u mingħandu ksibt żewġ diplomi, l-ewwel billi sirt membru assoċjat (A. Mus.L.C.M.) tal-Kulleġġ tal-Mużika ta' Londra fl-1984, u sena wara ġibt il-liċenzjat (L.Mus.L.C.M.) mill-istess kulleġġ. Fir-ritratt tal-ġenb nidher jiena liebes it-toga qed nirċievi ċ-ċertifikat tat-tieni diploma minn id is-Sur Reno C. Borg (1929-1987), dak iż-żmien direttur tal-edukazzjoni. Fir-ritratt jidher ukoll is-Sur Victor M. Darmanin, President tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ. Iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati kienet issir dejjem fil-*ballroom* tal-lukanda *Phoenicia* fejn kull xahar kienu jinżammu l-kunċerti mill-orkestra tal-*Malta Cultural Institute*, dejjem taħt id-direzzjoni tas-surmast Pace.

Ħafna huma l-kompożizzjonijiet li ħarġu mill-pinna ta' Mro. Carmelo Pace, fosthom xogħlijiet kbar bħalma huma opri, oratorji, balletti, kantati, sinfoniji, kunċerti, sonati għall-pjanu u kwartetti għall-korda. Xogħlijietu, aktarx fi stil klassiku modern, kienu u għadhom jindaqqu ħafna sal-ġurnata tal-lum, anki barra minn Malta. Uħud minnhom saħansitra ġew ippubblikati jew jinsabu fuq diski kumpatti. Iżda hawnhekk ser nitkellem biss fuq dawk ix-xogħlijiet sagri b'tema Marjana, li minnhom kiteb bil-bosta. Meta ġejt biex infassal it-tabella twila t'hawn taħt sibt li jkun aħjar jekk nimxi skont id-dati ta' meta ġew komposti. It-tagħrif li jidher fiha ġbartu kollu mill-ktieb ta' Marcel De Gabriele u Georgette Caffari, bil-kollaborazzjoni tal-kompożitur innifsu: *Carmelo Pace - A Maltese Composer, Thematic, Annotated And Illustrated Catalogue of Works* (PEG, 1991). Ta' min jgħid hawnhekk, li l-eżempji mużikali li nsibu f'dal-ktieb voluminuż kont daħħalthom kollha jien f'wieħed mill-kompjuters li kien hemm fis-segreterija tal-Istitut Kattoliku fis-sajf tal-1990 fi żmien meta jiena kont qed nissokta bl-istudji mużikali tiegħi barra minn xtutna. Għadni niftakar daqslikieku issa lill-awtur tal-ktieb, flimkien ma' ommu, is-Sinjura Helene De Gabriele (vjolinista mill-iprem u direttriċi ta' *The Young People's Orchestra*), kultant żmien kienu jiġu jagħtuni titwila biex jaraw jekk hux kollox miexi sew, u fejn kien ikun hemm xi għelt żgħir li jindunaw bih jgħiduli biex insewwieh minnufih.




Minn lista ta' 26 biċċa xogħol, tnejn biss mhumiex vokali, il-marċ funebri 'Mater Dolorosa' (1954), għal kumpless bandistiku, u 'Stelmarians' (1972) għal orkestra żgħira. Il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet huma għall-akkumpanjament ta' orgni jew pjanu, skont jekk dawn jitgħannewx ġo knisja jew f'xi teatru jew sala, jonkella xi mkien ieħor. Hemm imbagħad oħrajn li jitkantaw *a cappella* bla ma jkunu msieħba minn xi strument jew ieħor. Hemm xogħlijiet li huma għal vuċi femminili jew maskili, jew żewġ vuċijiet, jonkella solista u żewġ vuċijiet jew kor. Hemm oħrajn għall-kor fl-unisonu jew imħallat b'erba' vuċijiet, jew sempliċiment għal S.A.T.B., li jinkludi koristi femminili (Soprani u Alti) u maskili (Tenuri u Baxxi). Hemm jerġa' oħrajn b'taħlita ta' vuċijiet solisti u kor S.A.T.B.

Fost ix-xogħlijiet il-kbar imbagħad, insibu id-Dramm Sagru fi tlitt atti 'La Predestinata' (1954); żewġ 'Stabat Mater' tal-1958, u l-1970; żewġ Oratorji, 'Stabat Mater' (1982) u 'Sultana tal-Vittorji' (1985). Dawn aktarx ikunu akkumpanjati minn orkestra *da camera* jew waħda sħiħa. F'każ wieħed biss, l-Innu 'Ave Maria Stella' (1966), iż-żewġ vuċijiet huma akkumpanjati minn armonju, strument mużikali li jindaqq bħal pjanu fuq tastiera, iżda li juża l-arja, u li allura għandu mill-orgni peress li n-noti joħorġu bir-riħ mill-kanen. Bħala versi hemm bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan, u bil-Latin, b'uħud minnhom t'awturi magħrufin Maltin, fosthom Anton Buttiġieġ (1912-1983), Dun Frans Camilleri (1919-1990), Ivo Muscat Azzopardi (1893-1965), Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997) u Marjanu Vella (1927-1988). Hemm ukoll oħrajn bil-Malti li ma nafux ta' min huma. Ix-xogħlijiet li nkitbu bejn l-1982 u l-1985 immarkajthom b'lewn differenti biex nindika li dawn saru fi żmien meta jien kont student tas-surmast Pace.

| Sena | Titlu tax-xogħol | Tip ta' xogħol | Strument / vuċi |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1930 | Salve Regina | Mużika liturġika | Baxx u orgni |
| | Magnificat[1] | Mużika liturġika | T.B. u orgni[2] |
| | Ave Maria | Mużika liturġika | Solist/2 vuċijiet u orgni |
| 1945 | Alla B.V. Del Carmelo | Vokali[3] | S./T. u pjanu |

[1] Sottotitolat *Cantico di Maria Vergine*.
[2] Il-vuċijiet jinkludu kemm Tenur u Baxx soli, kif ukoll kor tat-Tenuri u Baxxi. Il-parti tal-orgni hi waħda indipendenti u mhix qegħda hemm sempliċiment biex takkumpanja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1947 | Lil Marija Bambina | Innu[4] | |
| 1950 | Ommna Ħanina[5] | Vokali[6] | 2 vuċijiet u pjanu/orgni |
| 1954 | La Predestinata | Dramm Sagru[7] | S.A.T.B. u orkestra |
| | Mater Dolorosa | Marċ funebri[8] | Banda[9] |
| 1957 | 15-il Fergħa lil Marija Verġni | Korali[10] | S.A.T.B. *a cappella* |
| 1958 | Stabat Mater | Mużika liturġika | Kor imħallat b'4 vuċijiet[11] |
| 1965 | Alla Madonna Insieme Preghiamo | Arja operistika[12] | S., Kor u orkestra |
| 1966 | Lill-Madonna tad-Dar | Innu[13] | 2 vuċijiet, orgni u korda[14] |
| | Ave Maria Stella | Innu[15] | 2 vuċijiet u armonju |
| 1968 | Insellimlek u Nifraħlek | Innu[16] | |
| | Sancta Maria, succurre miseris[17] | Mużika liturġika | Kor imħallat *a cappella* |
| 1970 | Stabat Mater | Mużika liturġika | Kor imħallat u orgni |
| 1971 | Talba | Vokali[18] | S. + Kor u orkestra *da camera* |
| 1972 | Stelmarians[19] | Orkestrali | Orkestra *da camera* |
| 1973 | Tal-Madonna ta' Lourdes | Innu Popolari[20] | 2 vuċijiet u pjanu |
| 1974 | Te, Mater Pangimus[21] | Mużika liturġika | S.T. + S.A.T.B.[22] u orgni |
| 1982 | O Vergine Madre | Vokali[23] | S/T u orkestra/pjanu |
| | Stabat Mater[24] | Oratorjo[25] | S.T.B., S.A.T.B. u orkestra sħiħa |
| 1983 | Auxilium Cristianorum (Kungress Marjan) | Innu[26] | Kor fl-unisonu u pjanu |
| | Fatima (Kungress Marjan) | Innu[27] | Kor fl-unisonu u pjanu |

---

[3] Il-versi bit-Taljan huma ta' Vincenzo Maria Pellegrini.

[4] Il-versi huma tal-qassis-poeta Dun Frans Camilleri.

[5] Il-poeżija, sottotitolata *Alma Redemptoris Mater*, insibuha fil-ktieb 'Moħba tal-Qalb' (A.C. Aquilina & Co., 1972) u hija magħmula minn żewġ ottavi kwinarji. L-Istess biċċa mużika kienet ġiet arranġata għal kor fl-unisonu u pjanu fl-1983.

[6] Il-versi huma ta' Dun Frans Camilleri.

[7] Jew azzjoni Marjana fi tlitt atti. Il-librett huwa ta' Vincenzo Maria Pellegrini, u ġie maqlub għall-Malti minn Maria Pisani sena wara. Inkiteb bħala tifkira tal-ewwel ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni u tal-istituzzjoni tal-Festa tar-Regalità tal-Verġni Mqaddsa. Id-dramm sagru bil-lingwa Taljana kien ittella' fit-Teatru Manoel f'Marzu ta' dik is-sena mill-kumpanija filodrammatika 'Carlo Goldoni', akkumpanjata mill-orkestra u l-kor 'Isouard', taħt id-direzzjoni tal-kompożitur stess. Ix-xenarju kien sar mill-pittur Emvin Cremona. L-istess dramm sagru bil-Malti bl-isem ta' 'Il-Magħżula minn Alla' kien ittella' f'Mejju 1955 fir-Radio City Opera House, Ħamrun.

[8] Inkiteb għall-memorja ta' Prof. Gius. Hyzler.

[9] Inkiteb għall-Banda 'La Valette'.

[10] Il-versi bil-Malti huma ta' Crispin Mangion.

[11] Ix-xogħol kollu jitkanta *a cappella*.

[12] L-arja hija meħuda mill-opra bi tlitt atti 'Caterina Desguanez fuq librett ta' Ivo Muscat Azzopardi, u li tirrakkonta ġrajja romantika li ġrat waqt l-Assedju l-Kbir tal-1565.

[13] Versi bil-Malti ta' Rev. Marjanu Vella O.F.M.

[14] L-Innu kien ġie arranġat ukoll għall-orkestra.

[15] Il-versi bil-Malti huma t'awtur anonimu.

[16] Il-versi bil-Malti huma ta' Crispin Mangion.

[17] Silta meħuda minn *Four Latin Motets*. Hija invokazzjoni lil Omm Imqaddsa t'Alla.

[18] Il-versi huma ta' Anton Buttiġieġ.

[19] Inkiteb fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tal-Old Stamarians Association.

[20] Il-versi bil-Malti huma ta' Alfred De Gabriele.

[21] Il-mużika f'nisġitha hi aktarx kuntrapuntali.

[22] **S**oprani, **A**lti, **T**enuri u **B**axxi.

[23] Il-kliem bit-Taljan huma tal-kompożitur stess.

[24] Ix-xogħol huwa ddedikat lill-Verġni Mqaddsa 'The Madonna of the Roses' li dehret lil Rosa Quattrini fl-1964 f'San Damiano, l-Italja. Il-partitura oriġinali tal-Oratorjo kienet ġiet irregalata lil Papa Ġwanni Pawlu II mis-Sinjura Helene De Gabriele f'isem il-kompożitur nhar is-7 ta' Awwissu 1985.

[25] Kompożizzjoni mużikali b'tema reliġjuża, speċi ta' talb fil-kant. (Martin Morana: Bejn Kliem u Storja) Il-librett ta' Vincenzo Maria Pellegrini huwa msejjes fuq il-profeziji u l-ġrajjiet li nsibu fit-Testment il-Qadim li jħabbru l-ħajja tal-Verġni Mqaddsa Marija, il-predestinazzjoni li tkun Omm Alla li kellu jiġi fid-dinja biex jifdi lill-bniedem mid-dnub oriġinali li wiret mingħand Adam u Eva.

[26] Versi bil-Malti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Stelmarian (Kungress Marjan) | Innu[28] | Kor fl-unisonu u pjanu |
| 1984 | Skapular[29] (Kungress Marjan) | Innu[30] | Kor fl-unisonu u pjanu |
| 1985 | Sultana tal-Vittorji | Oratorjo | Solisti, S.A.T.B. u orkestra sħiħa |
| 1987 | Salve Regina | Vokali | Baxx u pjanu |

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gudjani fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-UoM @Ġ.F. Abela' JC Orchestra A.D. 1998, li tagħha jiena surmast direttur.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[27] Versi bil-Malti.
[28] Versi bil-Malti.
[29] Biċċa lbies devot żgħira aktarx imdendla mal-għonq taħt il-ħwejjeġ; bħal labtu.
[30] Versi bil-Malti.